MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2013

Avviz Numru. 175/2010

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Vs**

**F.C.S. Limited (C41700)**

## Il-Qorti

Rat ir-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti wara li ppremetiet illi hi giet notifikata bl-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija li permezz taghha l-Kummisarju tat-Taxxi Interni qed jallega li r-rikorrenti ghandha debitu cert. likwidu u dovut ta' tmint'elef, mija u disa' u disghin Ewro u erbghin centezmu (€8,199.40) kopja annessa dokument FCS 1;

Illi t-talba tal-Kummisarju tat-Taxxi Interni fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti hija wahda nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante li ma hemm l-ebda ammont cert, likwidu u legalment dovut lill-istess Kummissarju;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrent sad-data li huwa rcieva l-ittra ufficjali huwa qatt ma gie mitlub ihallas l-ebda taxxa fuq dokumenti, la verbalment u wisq anqas bil-miktub u ghaldaqstant kwalunkwe pretensjoni mressqa mill-Kummissarju hija preskritta ai termini tal-ligi;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti tichad b'mod kategoriku li hija qatt ma rceviet d-dokument anness mal-ittra ufficjali de quo u li jidher li ghandu d-data tas-7 t'April, 2008;

Illi in vista ta' dak kollu suespost jirrizulta li l-kreditu vantat mill-intimat la huwa cert u lanqas huwa likwidu jew dovut f'dan l-istadju.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, is-socjeta' rikorrenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara t-talba tal-Kummisarju tat-Taxxi Interni fil-konfront taghha bhala wahda nfondata u dan taht kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkustanzi.

Rat l-anness dokument ossija ittra ufficjali datata l-20 t'April, 2010 a fol 3 tal-atti u msemmija fl-istess rikors, kif ukoll id-dikjarazzjoni guramentata da parti tal-intimata fol 4 tal-atti, kollox maghmul skont l-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-digriet taghha preliminari a fol 5 ibid.

Rat ir-risposta tal-intimat (a fol 10 ibid) u li biha espona bir-rispett:

Illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin;

1. Illi minn verifiki li saru fi hdan id-Dipartiment jirrizulta li l-Avviz ta' Likwidazzjoni ghall-finijiet tal-artikolu 52 tal-Kap 364 (DDA 5) hawn anness u mmarkat 'Dok KTI 2', u li allegatament il-kumpanija rikorrenti qatt ma giet innotifikata bih, inhareg mill-esponent fis-7 t'April 2008 u gie nnotifikat f'idejn id-direttur tal-kumpanija rikorrenti, is-

Sur Charlo Farrugia (ID 305778M), permezz tar-*Revenue Security Corps* fit-23 ta’ Lulju 2008 skont id-dokument minnu stess iffirmat hawn anness u mmarkat ‘Dok KTI 3’;

2. Illi peress li ma saret l-ebda oggezzjoni mill-imsemmija likwidazzjoni kif jipprovdi l-artikolu 56 tal-Kap 364, l-Avviz ta’ Likwidazzjoni sar finali u konklussiv ai termini tal-artikolu 60 tal-Att Dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap 364) u ghal din ir-raguni hija l-umli fehma tal-esponent li l-ammonti hemm indikati ma jistghux jigu ssindikati f’dan l-istadju;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponent bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tal-kumpanija rikorrenti bl-ispejjez kollha kontra taghha.

Rat ukoll il-lista ta’ dokumenti a fol 11 tal-istess atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat.**

Illi mill-istess atti jirrizultaw is-segwenti fatti:

a. Kif jidher a fol 12, fol 13 u fol 14 tal-atti, l-intimat kien hareg l-avviz dwar ‘transfer of immoveable property’ skont il-ligijiet hemm indikati u bid-dettalji ta' trasferimenti ta' propjeta' immobbli hemm specifikat b'kopja annessa tal-atti pubbliku relattiv.

b. Sussegewentament, kif jidher a fol 16 u fol 17 kien inhareg mill-intimat il-kont numru IV104300 bid-data tas-7 ta’ April 2008 u li bih giet imposta kemm ‘taxxa’ kif ukoll ‘taxxa addizzjonali’ ta’ €8199.40 (tmint’elef, mija u disa’ u disghin Ewro u erbghin centezmu) u b’avviz li f’kaz li s-socjeta’ rikorrenti xtaqet tikkontesta dak kollu specifikat fl-istess document market Dok KTI 2 l-istess socjeta’ rikorrenti kellha ssegwi dak imnizzel bil-ligi “in materia” u taghmel oggezzjoni fi zmien tletin (30) jum minn notifika tal-istess avviz.

c. Jidher li l-istess avviz effettivament gie notifikat lis-socjeta' rikorrenti fit-23 ta' Lulju 2008 (ara fol 18 ibid) billi thalla f'idejn Charlo Farrugia.

d. Kif jidher a fol 19 u 20, il-kaz gie diferit ghal darbtejn ghall-provi tas-socjeta' rikorrenti sakemm fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2011 kien gie prodott Raymond Pace (fol 23 ibid) prodott mill-intimat u bi qbil bejn il-partijiet u dan ix-xhud ikkonferma dak spjegat fil-paragrafu c "supra" liema fatt gie konfermat ukoll minn Mario Pace a fol 25 ibid.

e. Gara li wara dan inbdew trattativi bejn il-partijiet (fol 26 u fol 27), waqt li kif jidher a fol 28 ibid il-Qorti giet informata li dawn it-trattattivi ma kienux fil-fatt inbdew. Waqt is-seduta tas-26 ta' Ottubru 2011, l-Avukat tal-intimat kienet informat lill-Qorti illi l-imsemmi Charlo Farrugia kien kiteb ittra lill-intimat li l-ammont in esami ma setax jithallas minnu ghar-raguni hemm imnizzla (ara fol 29 ibid). Fil-fatt kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet u skont il-verbal a fol 30 ibid, l-avukat tar-rikorrenti nforma lill-Qorti li kienu qed jigu effettivament pagamenti rateali sakemm jidher li kien fadal biss pagament ta' rata wahda (fol 32, fol 33 u fol 34 ibid) liema pagament ma sarx.

**Ikkunsidrat**

Illi, mill-lat legali, jidher li s-socjeta' rikorrenti kienet giet notifikata bl-avviz numru IV104300 izda ma nterponiet l-ebda oggezzjoni in rigward l-"ammont li ghandu jithallas" skont dan l-avviz. Bhala konsegwenza l-ammont mitlub sar wiehed cert, likwidu u dovut. Illi dawn il-proceduri fil-fatt waslu sabiex fl-ahhar nett, kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet in rigward pagamenti rateali. Izda kien fadal sal-ahhar differiment, rata wahda biex tithallas oltre l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

**Ikkunsidrat**

Illi, jidher car mill-premess illi l-ammont mitlub mir-rikorrenti skont l-ittra ufficjali msemmija kien sar debitu likwidu, cert u dovut minhabba nuqqas ta’ kontestazzjoni entro t-termini specifikat ta’ tletin (30) jum minn notifika.

Illi ghalhekk dak mitlub fir-rikors promotur ma jistax jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talba kif dedotta mir-rikors promotur bl-ispejjez ta’ din il-procedura jithallsu kollha kemm huma mis-socjeta’ rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------